Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 129/2024**

**It-Tlieta 30 ta' April, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali Nadur |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur David Apap | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali Xagħra |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali Xewkija |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi ppresjeda l-Laqgħa.

## 129.1 Talba

129.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 129.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

129.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 128 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 129.3 Korrispondenza

129.3.1 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi nforma lill-membri preżenti li l-pubblikazzjoni tat-tender tal-manutenzjoni tal-bozoz ġie approvat. Qed nistennew l-approvazzjoni tat-tender tas-supply tal-bozoz sabiex jiġu ppubblikati flimkien. Ir-Reġjun qed jaħdem ukoll sabiex issir tender għas-sistema ta' software biex jiġu rreġistrati l-ilmenti tal-bozoz.

129.3.2 Fuq talba tas-Sindki, r-Reġjun talab laqgħa mal-uffiċjal inkarigat mill-compliance and enforcement tal-ERA. Waslet korrispondenza mingħandhom sabiex il-laqgħa ssir mal-President u rappreżentant tar-Reġjun bejn it-8 ta' filgħodu u t-tlieta ta' wara nofsinhar. Is-Sindki ma qablux ma dan għar-raġuni li hemm bżonnijiet differenti f'lokalitajiet differenti. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa titlob laqgħa li għaliha jkunu mistiedna s-Sindki. Din tista' ssir online.

129.3.3 Ir-Reġjun Għawdex ġie mistieden mill-Ambaxxatriċi għal Malta fit-Turkija sabiex jieħu sehem fl-avveniment "Gastroshow" f'Istanbul bejn it-30 u 31 ta' Mejju. Minħabba mpenji oħra u baġit limitat ir-Reġjun mhux ħa jieħu sehem.

129.3.4 Il-membri preżenti ġew informati bl-Iskema Ġonna fl-Urban mill-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Din l-iskema hija mmirata sabiex tiffaċilita l-akkwist ta' siġar taż-żebbug u tal-larinġ mill-Kunsilli Lokali biex dawn jitħawlu f'żoni pubbliċi. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-aħħar ta' Mejju 2024.

129.3.5 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-ERA biex jissottometti r-rapport annwali u tal-awditjar lill-Awtorita' fi żmien 4 xhur wara t-tmiem ta' dak il-perjodu. Peress li din hija l-ewwel sena r-Reġjun ma kienx jaf b'dan. Għal dan il-għan ir-Reġjun jrid jinkariga awditur (minn fuq il-lista ppreżentata mill-ERA stess). Fid-dawl ta' dan ir-Reġjun ħareġ talba għall-kwotazzjonijiet.

129.3.6 Fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun ġie approvat is-sħubija tar-Reġjun fil-EFFE (Europe for Festivals Festivals for Europe) Seal for Cities and Regions. Peress li l-laqgħa fejn kien ser issir l-iffirmar tar-Reġjun ħabat ma' avveniment ieħor li l-Kunsill Regjonali Għawdex qed jieħu sehem fih (Orchestre Européen 2024 – Proġett taħt l-Erasmus+) ma stajniex inkunu preżenti. Għalhekk l-iffirmar sar b'mod digitali bi preżentazzjoni ta' video. Ir-Reġjun ġie mistieden sabiex jattendi konferenza f' Berlin bejn is-7 u 9 ta' Novembru. Il-Manaġer tal-Kultura wriet ix-xewqa li tattendi għal din il-konferenza.

129.3.7 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand MRO Stephen Attard għall-sponsorship dwar ktieb li qed jikteb dwar missieru: "Ġużeppu 'Farina' Attard – a Man for All People; a Story of Faith, Hope, Thanksgiving and Love". Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li r-Reġjun ma jistax jagħti sponsorships jew donazzjonijiet. Il-President issuġġerixxa sabiex ir-Reġjun jakkwista numri ta' kopji ta' dan il-ktieb sabiex jitqassam fl-Inizjattiva Milied Solidali li r-Reġjun jorganizza kull sena fi żmien il-Milied. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

.

## 129.4 Riżultati mill-laqgħa tal-Fondazzjoni Victoria 2031.

129.4.1 Il-Fondazzjoni Victoria 2031 ġiet irreġistrata. Ser ikun hemm żewġ bordijiet – wieħed superviżorju u ieħor amministativ. Saret l-ewwel laqgħa tal-Bord Amministrattiv. Minn din il-laqgħa ġie deċiż li hemm bżonn b'mod urġenti li jiġu nkarigati "Artistic Director" kif ukoll Servizz ta' Konsulenza biex jinkiteb il-Bid Book. Peress li dawn huma żewġ karigi ta' importanza, il-bord qed jitlob li dawn jiġu nkarigati fuq bażi ta' direct order fuq il-bażi ta' Artistic and Technical Expertise. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 129.5 Summer Camp għat-tfal mill-Ukrajna.

129.5.1 Ir-Regjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand SupportUkraine f'isem il-European Committee of the Regions (CoR) u l-Association of Ukrainian cities (AUC) dwar is-Summer Camps għat-tfal mill-Ukrajna. Fuq is-suċċess tas-sena 2023 ir-Reġjun Għawdex jixtieq jerġa jorganizza dan is-summer camp għal għaxart itfal għal ġimgħa summer camp f'Għawdex. Naturalment hemm bżonn l-għajnuna mill-Kunsilli Lokali biex dan is-seħħ. Il-membri preżenti kollha qablu li s-summer camp jerġa jiġi organizzat. Il-Viċi Sindku tan-Nadur, is-Sur Eucharist Camilleri qal li hu lest li jgħin personalment jekk il-Kunsill tan-Nadur ma jieħux sehem. Ir-Reġjun Għawdex ser jinforma lil SupportUkraine li huma lesti jerġgħu jorganizzaw u ser jitlob id-dati ta' meta dan jista jsir ħalli jibda l-preparamenti.

## 129.6 Uffiċju tar-Reġjun.

129.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti li filwaqt li r-Reġjun xtara propjeta fi Triq il-Palma, r-Rabat biex isservi bħala sede tar-Reġjun, għad fadal ħafna żmien sabiex jinħarġu il-permessi neċessarji tal-Awtorita' tal-Ippjanar, jinħarġu t-tenders u jsir ix-xogħol meħtieġ fil-propjeta biex tkun tista tintuża. Fil-preżent ir-Reġjun qed jikri żewġ postijiet sabiex jakkomoda lill-impjegati kollha tiegħu u din qed tiswa lir-Reġjun il' fuq minn €22,000 fis-sena. Barra l-ispejjeż li jkun hemm, hemm ukoll il-problema ta' numru ta' mpjegati li mhux qed ikunu sorveljati u dan mhux ideali. Għalhekk il-President qal li r-Reġjun qed jitlob sabiex il-ħaddiema kollha jkunu f'post wieħed. L-uffiċju fi Triq Santa Martha jista jakkommoda lill-ħaddiema kollha b'mod komdu, iżda ma jkunx hemm board room. Il-membri preżenti qablu li l-ħaddiema kollha jkunu f'post wieħed. Il-President qal li hemm "notice period" ta' sitt xhur u għalhekk il-problema tal-laqgħat mhux ħa tagħmel effett immedjatament. Hu talab ukoll il-possibbiltà' li l-laqgħat tar-Reġjun jsiru f'xi Kunsill meta jkun hemm bżonn. Ir-Reġjun għandu jitlob ukoll lis-sid tal-propjeta ta' Triq Santa Marta jekk għandux kamra li tkun tista tinkerra għall-użu ta' laqgħat meta jkun hemm bżonn.

## 129.7 Materji oħra.

129.7.1 n/a

**129.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.</u>**

129.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 141 li kienet tammonta għal €279,037.62.

**128.12 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

128.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju fis-6 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

______________________

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

______________________

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv